# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 22**

**Rikors numru 1150/2019/1 JVC**

**Salvatore sive Silvio Camilleri**

**v.**

**Joseph Bonavia**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur Salvatore Camilleri kontra sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-14 ta' Diċembru, 2023, fejn din laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u b'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjeż kontrih.

**Daħla**

2. B'rikors imressaq fl-4 ta' Diċembru, 2019, l-attur fisser li huwa għandu l-pussess ta' barriera li tinsab fil-limiti tal-Għargħur, li wieħed jidħol għaliha bil-vettura u bir-riġel minn passaġġ li jagħti għal Triq San Ġwann f'Ħal Għargħur. Skont l-attur dan il-passaġġ jgħaddi minn fuq għalqa li tinsab maġenb il-barriera, magħrufa bħala "tal-Mitħna", liema għalqa fil-preżent tinsab okkupata mill-konvenut.

3. L-attur issokta jispjega li l-konvenut ħarat dan il-passaġġ b'tali mod li għamilha diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli, li l-attur jgħaddi għall-barriera li tinsab f'idejh. Billi fil-fehma tal-attur, l-imġiba tal-konvenut tikkonsisti fi spoll vjolenti u klandestin li qiegħed jagħmillu l-ħsara, u billi wkoll l-konvenut naqas li jerġa' jqiegħed il-passaġġ kif kien qabel, minkejja li huwa ġie msejjaħ biex jagħmel dan, l-attur fetaħ din il-kawża u talab lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-konvenut wettaq spoll vjolenti u klandestin a dannu tal-attur billi ħarat il-passaġġ li kien jagħti aċċess mit-triq pubblika, ossia minn Triq San Ġwann, għall-barriera posseduta mill-attur fil-limiti tal-Għargħur kif premess u b'hekk irrenda aktar diffiċli, jekk mhux addirittura impossibbli, tali aċċess.*
>
> *2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jisporga tali spoll u jirreintegra l-imsemmi passaġġ għall-istat li kien fih qabel ma ġie mwettaq l-ispoll da parti tal-istess konvenut, u dan entro terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa, okkorrendo taħt is-superviżjoni ta' periti nominandi.*
>
> *3. Fin-nuqqas ta' ottemperament da parti tal-konvenut mat-tieni talba*

*entro t-terminu lilu prefiss, tawtorizza lill-attur sabiex, a spejjeż tal-istess konvenut, jagħmel hu tali xogħlijiet ta' reintegrazzjoni u ripristinu, okkorendo taħt is-supervizjoni ta' periti nominandi.*

*Bl-ispejjeż a karigu tal-konvenut, li qed jiġi inġunt minn issa stess għas-subizzjoni tiegħu.»*

4. Il-konvenut Joseph Bonavia wieġeb għar-rikors tal-attur fil-31 ta' Jannar, 2020, u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi fl-ewwel lok u b'mod preliminari, tant sabiex jiġi rispettat it-terminu perentorju u ta' dekadenza għal tali azzjoni u ċjoè dik tal-actio spolii, Salvatore sive Silvio Camillieri ma ressaqx l-azzjoni tiegħu fi żmien xahrejn mill-ispoll hekk allegat minnu li sar fil-konfront tiegħu da parti ta' Joseph Bonavia. Dan għaliex ser jirriżulta b'mod ċar fil-mori ta' din il-kawża, illi Joseph Bonavia qatt ma ġie interpellat fuq xi spoll illi kkommetta qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri kif allegatament qiegħed jingħad mill-attur fir-rikors promotur tiegħu u per di più tali att illi qiegħed jiġi definit bħala wieħed allegatament irregolari min-naħa ta' Joseph Bonavia sar ċertament fi żmien illi ormai qabeż il-perkors tax-xahrejn żmien li fih Salvatore sive Silvio Camilleri kellu ċ-ċans illi jiftaħ dawn il-proċeduri odjerni, ċjoè dak ta' xahrejn żmien u allura, din l-azzjoni odjerna saret fuori termine.*

*2) Illi fit-tieni lok u fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u suespost, l-esponenti Joseph Bonavia qiegħed jirrespinġi in toto l-kawża odjerna fil-fatt u fid-dritt bil-premessi u t-talbiet kollha tagħha għaliex Salvatore sive Silvio Camilleri irid per prima cosa juri b'mod ċar, dirett u oġġettiv x'tip ta' pussess huwa għandu jew qatt kellu, u kif ukoll meta, fuq dan il-passaġġ, fuq din l-art magħrufa bħala tal-Mitħna u fuq din il-barriera illi allegatament huwa qiegħed jirreferi għaliha f'din il-kawża odjerna. L-esponenti kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, jiċħad kategorikament illi Salvatore sive Silvio Camilleri jippossjedi dan il-passaġġ jew qatt eżerċita xi dritt fuqu stess, u allura dawn l-allegazzjonijiet huma kollha inveritieri, abbużivi u inġusti fil-konfront tal-esponenti Joseph Bonavia kif ser jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża.*

*3) Illi fit-tielet lok u fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit u suespost u fuq l-istess punt ta' dan l-allegat spoll, passaġġ u allegat pussess, ser jirriżulta b'mod ċar matul il-mori ta' dan il-ġudizzju illi dan ma kienx passaġġ fil-pussess jew għall-użu ta' terzi persuni independentement mill-użu esklussiv tal-gabillott Joseph Bonavia u inoltre, wieħed irid attentament ukoll lejn il-fatt illi dan mhuwiex passaġġ fil-veru sens tiegħu imma hija mogħdija temporanja fuq il-ħamrija stess illi Joseph Bonavia kien jużaha speċifikament sabiex jidħol bl-inġenji tiegħu mingħajr ma jgħarraq il-prodott agrikolu illi regolarment minn sena għal sena iħawwel f'tali art inkwistjoni magħrufa bħala tal-Mitħna.*

*4) Illi fir-raba' lok u fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suċċepit u suespost jidher u jirriżulta illi din il-lanjanza da parti tal-attur Salvatore sive Silvio Camilleri twieldet proprju stante l-fatt illi huwa ressaq applikazzjoni għal żvilupp fuq din l-Art inkwistjoni li permezz tagħha qiegħed jaħbi veritajiet, jgħawweġ il-fatti u kif ukoll qiegħed jigdeb fil-mod kif qiegħed iressaq tali applikazzjoni u proċessar tagħha mal-Awtoritajiet konċernati kif ser jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża. Għal dawn il-motivi, qiegħed jipprova issa jiggranfa difrejh ma' realtajiet ta' drittijiet illi mhuwiex intitolat għalihom aħseb u ara kemm vera għandhom jiġu sporgati, reintegrati jew mogħtija lilu u dan kollu qiegħed isir sempliċement sabiex jagħmel ħsara lill-gabillott Joseph Bonavia, illi ilu jokkupa u jaħdem din l-Art inkwistjoni magħrufa bħala il-Mitħna li tinkorpora fiha wkoll din il-Barriera sa minn meta kien għadu żagħżugħ, u mhux talli hekk, iżda talli tali l-art inkwistjoni, kienet ukoll okkupata mil-mejjet Carmelo Bonavia li jiġi missier l-esponenti qua konvenut. Il-konvenut Joseph Bonavia ilu jokkupa u jaħdem qatigħ din l-Art inkwistjoni li tinkorpora fiha din il-barriera, bħala gabillott, bil-ħlas regolari tal-qbiela għal aktar minn ħamsin sena u kien biss f'dawn l-aħħar sitt snin illi tali ħlas tal-qbiela ma ġiex aċċettat iżjed bil-konsegwenza li tali ħlas kellu jiġi regolarment depożitat il-Qorti.*

*5) Illi allura, u finalment, meta wieħed iqis bir-reqqa l-eċċezzjonijiet hekk imressqa fit-totalità tagħhom, din il-Wisq Onorabbli Qorti, għandha tirrespinġi u tiċħad il-pretensjonijiet u t-talbiet kollha mressqin minn Salvatore sive Silvio Camilleri fir-rikors promotur tiegħu għar-raġuni illi dawn huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*6) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kontra l-attur Silvio Camilleri, li minn issa wkoll qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.*

*Bir-riżerva wkoll għal kull azzjoni ulterjuri illi tista' tiġi intavolata kontra l-imsemmi Silvio Camilleri skont il-Liġijiet ta' Malta.»*

5. B'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut minħabba li l-attur ma seħħlux jissodisfa l-element tal-pussess li huwa jgħid li għandu, u b'hekk ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjeż kontrih. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

*«**Ikkunsidrat***

*Illi l-kawża odjerna tikkonsisti f'kawża ta' allegat spoll, vjolenti u*

*klandestin fejn ir-rikorrent Salvatore Camilleri jsostni li huwa proprjetarju ta' barriera sitwata fil-limiti tal-Għargħur liema barriera jallega li hija aċċessibbli minn passaġġ li jagħti għal Triq San Ġwann fil-Għargħur liema passaġġ jgħaddi minn fuq għalqa llum ukoll proprjetà tar-rikorrent, magħrufa bħala tal-Mitħna, okkupata mill-intimat Joseph Bonavia. Ir-rikorrent jissottometti li fl-24 ta' Ottubru, 2019 huwa ġie infurmat minn terz li l-intimat kien ħarat dan il-passaġġ b'dana li għamilha ferm aktar diffiċli sabiex ir-rikorrent jasal għall-barriera bil-vetturi tiegħu. Għal din ir-raġuni r-rikorrent intavola l-kawża ta' spoll odjerna nhar l-4 ta' Diċembru, 2019 fejn talab li din il-Qorti tordna r-reintegrazzjoni tal-istatus quo ante.*

*Illi da parti tiegħu l-intimat jirrespinġi l-pretensjonijiet tar-rikorrent u fost oħrajn isostni li r-rikorrent la għandu l-pussess u lanqas jissodisfa l-element tal-infra bimestre deduxisse sabiex tirnexxi l-kawża ta' spoll odjerna. Iżid li mhux minnu li r-rikorrent għandu xi jedd ta' passaġġ minn fuq l-għalqa tiegħu u li l-passagg għall-barriera tar-rikorrent huwa minn trejqa oħra, isostni li kwalunkwe passaġġ li seta' kien jiġi eżerċitat kien wieħed temporanju u suġġett għal dak li jkun hemm imħawwel fl-għalqa inkwistjoni. L-intimat iżid li r-rikorrent qed jittenta jagħti lilu nnifsu drittijiet li m'għandux għaliex intavola applikazzjoni ta' żvilupp fuq l-art li l-intimat ma jaqbel xejn magħha. Jitlob għalhekk li din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.*

*Rat ir-ritratti esibiti mar-rikors ġuramentat a fol. 6 et seq tal-proċess li juru l-barriera tar-rikorrent u li r-rikorrent isostni li juru l-passaġġ in kontestazzjoni għaddej min-nofs l-għelieqi u rat kif jidher jew ma jidhirx dan il-passaġġ fir-ritratti mill-ajru tul is-snin.*

*Rat ir-ritratti a fol. 15 li juru wkoll l-għalqa minn fejn jgħaddi l-passaġġ din id-darba iżda maħruta. Mix-xhieda ta' bint ir-rikorrent* ***Nichola Mallia*** *a fol. 33 A et seq tal-proċess irriżulta li dawn ir-ritratti ttieħdu minnha nhar il-25 ta' Ottubru 2019 wara li missierha r-rikorrent ġie infurmat minn terz li kien inħarat il-passaġġ inkwistjoni. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll li meta kienet għadha tifla hija kienet tmur ma' missierha u kienu jgħaddu minn dan il-passaġġ permezz ta' vetturi. Tgħid iżda li ilha oltre minn għaxar snin ma tmur fuq il-post u ma tużax l-istess passaġġ.*

*Rat l-affidavit tar-rikorrent* ***Salvatore Camilleri*** *a fol. 34 et seq tal-proċess fejn fih jispjega kif huwa l-proprjetarju tal-art agrikola kollha li tinkludi l-barriera u dik okkupata mill-intimat. Jgħid li l-barriera hija aċċessibbli bir-riġel u bil-vettura minn passaġġ li ġie ffurmat fl-art maħduma minn Bonavia u jesebixxi ritratti mill-ajru a fol. 44 et seq. tal-proċess sabiex jevidenzja dan. Il-Qorti rat li dawn ir-ritratti li jidhru li jibdew mis-sena 2016 u jmorru lura verament juru l-formazzjoni tal-passaġġ inkwistjoni fir-raba' okkupata mill-intimat. Rat ukoll ir-ritratti annessi mal-affidavit li juru l-passaġġ maħdum u wkoll il-kuntratt ta' akkwist tal-proprjetà de quo a fol. 40 et seq. tal-proċess datat 18 ta' Frar, 2011.*

*Dan il-kuntratt jinkludi kemm il-barriera kif ukoll l-għalqa okkupata mill-intimat. Fil-kuntratt jissemma li l-art hija aċċessibbli minn passaġġ li jagħti għal Triq Ħal-Għargħur. Il-pjanta a fol. 43 tal-proċess turi wkoll l-art akkwistata u l-passaġġ imsemmi. Il-kuntratt jirrikonoxxi wkoll li parti mill-art hija okkupata mill-intimat.*

*Illi dwar l-allegat spoll jixhed illi ċertu Charles Borg infurmah li l-intimat kien ħarat il-passaġġ. Iżid li huwa kkonfronta lill-intimat u li dan qallu li hemmhekk tiegħu u li seta' jagħmel li jrid u li ma ċaħadx li kien ħarat il-passaġġ. Jagħlaq l-affidavit kif isegwi:*

> *«Nixtieq nispjega wkoll illi dan huwa l-unika aċċess għall-barriera u li billi issa ġie maħrut sar iktar diffiċli sabiex jien naċċedi għall-barriera imsemmija għaliex ikolli ngħaddi minn fuq l-art okkupata minn Bonavia li tkun maħduma u b'hekk inkun qed nagħmel ħsara lil-uċuħ tar-raba'.»*

*Ir-rikorrent jixhed in kontroeżami a fol. 168 et seq. tal-proċess. Jinsisti li l-passaġġ kien jeżisti minn fejn isostni hu meta akkwista l-għalqa u l-barriera. Jikkonferma li meta akkwista l-art kien hemm l-intimat jokkupaha. Dwar il-barriera jgħid li kienu jużawha sabiex jarmu l-ħliefa tal-għeneb fiha u xi ħġieġ minħabba l-fabbrika tal-għeneb proprjetà tiegħu. Mistoqsi meta l-aħħar li sar rimi fil-barriera ma jagħtix tweġiba speċifika imma jgħid li ilu nieqes mix-xogħol għaxar snin (10) u li f'dawn l-aħħar għaxar snin (10) ma daħalx jarmi ħliefa jew ħġieġ. Jgħid li ġieli qala' xi ħaxix mid-dar u jmur jarmih hemm u li sentejn ilu kien bagħat lavrant bit-tank tal-fiberglass biex jużah 'il quddiem għall-ħmieġ taż-żwiemel. Mistoqsi fuq il-ftehim ta' tolleranza mal-aventi causa tiegħu jgħid li ma hu veru xejn. Jinsisti li l-passaġġ inħoloq mill-familja tiegħu u mhux mill-intimat għaliex l-għalqa ilha fil-familja erba' ġenerazzjonijiet. Dwar il-passaġġ jgħid li kellu dritt u jżid:*

> *«Anzi qabel Joseph Bonavia kien iħallas qbiela iktar, raħħasnielu ftit mill-qbiela għax ma kienx iħalli l-ghaxar (10) piedi. Ġieli weħilna bil-vannijiet. U raħħasnielu xi ħaġa mill-kera biex inkunu nistgħu nidħlu.» (fol. 172)*

*Iżid li l-isqaq dejjem għaddew minnu dejjem kien tagħhom mhux kif qed jgħid u għamillu katnazz u issa ma jistax jidħol. Dwar dan għamel rapport l-għassa.*

*Rat ix-xhieda ta'* **Marthese Debono** *rappreżentant tal-Awtorità tal-Ippjanar a fol. 65 et seq. tal-proċess li esibiet ritratti mill-ajru li juru l-ambjent in kontestazzjoni fil-perjodu bejn is-sena 1957 sa 2016. Rat minn dawn ir-ritratti li tul is-snin tista' tgħid dejjem kien jidher passaġġ iffurmat minn roti ta' vetturi f'nofs l-għalqa inkwistjoni li jibqa' jwassal sal-barriera. Il-passaġġ jidher sempliċement iffurmat bil-vetturi fuq il-ħamrija stess.*

*Rat ix-xhieda ta'* **Mario Micallef** *a fol. 67 et seq. tal-proċess li jsostni li kien jaħdem mar-rikorrent u jikkonferma li kienu jibagħtuh il-barriera tar-rikorrent u sabiex jasal kien jgħaddi minn Għargħur Road, Naxxar u*

*jgħaddi minn fuq l-għalqa tal-intimat fejn ġie maħrut il-passaġġ. Jgħid iżda li ilu ma jmur għaxar snin (10) bejn wieħed u ieħor. Jixhed li kien baqa' jmur il-barriera fuq xogħol sakemm kienu qalbu għall-iskips u waqfu. In kontroeżami jikkonferma li jaf li l-iskips daħlu fis-snin disgħin. Dwar ix-xatba li twassal għall-għalqa fejn hemm il-passaġġ jgħid li kienu jkunu huma li jiftħuha jdaħħlu jdejhom u jiftħu l-firroll. Jgħid li damu jużaw il-barriera biex jarmu madwar għaxar snin (10).*

*Rat ix-xhieda ta'* **Raymond Grech** *a fol. 72 et seq. tal-proċess li wkoll isostni li kien jaħdem mar-rikorrent u jikkonferma li r-rikorrent kien jibagħtu jarmi fliexken u ħliefa fil-barriera. Dam impjegat miegħu madwar erbgħin sena (40) u ilu bil-pensjoni bejn tmienja (8) u għaxar (10) snin.*

*Rat ix-xhieda tan-***Nutar Nicholette Vella** *b'referenza għall-kuntratt ta' akkwist tar-rikorrent permezz ta' donazzjoni mingħand zijuh suespost (fol. 79 et seq.). Dwar il-passaġġ imniżżel fuq il-kuntratt issostni li hija qagħdet fuq dak li qalulha l-partijiet. Fix-xhieda ulterjuri tagħha a fol. 174 et seq. hija spjegat li ma għamlitx riċerki stante li kien kuntratt ta' donazzjoni.*

*Rat l-affidavit tal-intimat* **Joseph Bonavia** *a fol. 87 et seq. tal-proċess. Huwa jsostni li fil-viċinanzi ta' din l-għalqa missieru kellu għelieqi oħra bi proprjetà. Jixhed li jiftakar li l-għalqa inkwstjoni magħrufa bħala 'tal-Mitħna' kienet għand ċertu Carmelo Cortis u li din kellha passaġġ minn Triq Għargħur in-Naxxar bir-riġel biss u mhux bil-vettura. Din l-għalqa ġiet fil-pussess ta' missieru fis-sena 1972 u peress li din tmiss eżatt mal-għelieqi tagħhom missieru kien fetaħ passaġġ fiha biex jgħaddi bil-vetturi direttament mit-trejqa li ġia kienet tagħhom u li tgħaddi minn Triq San Ġwann fil-Għargħur biex jevita li joqgħod idur. Iżid li l-aventi causa tar-rikorrent, Dun Alwiġ Camilleri, fis-sena 1981 kien avviċina lil missieru u talbu jagħmillu pjaċir u jtih permess temporanju sabiex ħuh Ġuzeppi Camilleri jibda jgħaddi minn dan il-passaġġ bil-vann sabiex jasal għall-barriera biex jarmu xi żibel tal-fabbrika tal-inbid fiha u dan stante li l-passaġġ ġia kien ffurmat u wżat minn missieru stess. Iżid li missieru kien qabel li jtih dan il-permess temporanju iżda saret kitba dwar dan fil-ktieb tal-kera kif jidher fid-dokument a fol. 94 tal-proċess. Il-Qorti rat li fl-irċevuta datata l-1 ta' Settembru 1981 jingħad kif isegwi:*

> *«Iż-żewġ liri differenza Lm2 qed iħallashom Ġużeppi Camilleri dment li jibqa' jarmi fil-barriera.»*

*Jispjega li Ġużeppi Camilleri jiġi missier ir-rikorrent. Iżid li minħabba bidla fil-liġijiet li minħabba fihom ma setax jibqa' jsir rimi fil-barrieri, l-irdim f'din il-barriera waqaf fis-sena 85.*

*Ikompli li meta missieru beda jikber huwa dawwar il-qbiela f'ismu. Meta waqaf l-irdim fil-barriera huwa beda jħalli jew ma jħallix il-passaġġ fl-għalqa skont il-bżonn tal-prodott li kien iħawwel fl-istess għalqa u qatt ma kellu problemi dwar dan ma' Ġużeppi Camilleri jew is-sid Dun Alwiġ*

*Camilleri.*

*L-intimat jasal għas-sena 2019 fejn jixhed li nduna li r-rikorrent kien intavola applikazzjoni ta' żvilupp fuq is-sit biex isiru xi stalel u b'hekk sar jaf li kien sar is-sid il-ġdid tal-għalqa u l-barriera. Isostni li għalkemm ir-rikorrent sar is-sid, din dejjem baqgħet suġġetta għall-qbiela favur tiegħu liema qbiela ilha teżisti 'l fuq minn ħamsin (50) sena. Jenfasizza li d-dritt ta' passaġġ tar-rikorrent mhux minn fuq it-trejqa tagħhom għal fuq l-għalqa bi qbiela għandhom iżda hija minn trejqa li tagħti għal Għargħur Road, filwaqt li t-trejqa tagħhom tagħti għal St. John Street fil-Għargħur.*

*Dwar il-passaġġ jgħid li minn meta missier ir-rikorrent Joseph Camilleri u l-ħaddiem tiegħu ma baqgħux jagħmlu użu mill-passaġġ inkwistjoni, missieru u hu komplew jagħmlu użu minnu u ħartuh kemm-il darba mill-ġdid skont il-bżonn li kien ikollhom fl-għalqa f'dak il-perjodu tas-sena partikolari. Dwar is-sena 2019 jgħid li kien beħsiebu jiżra' l-qamħ fl-għalqa għalhekk bilfors kellu jaħrat l-għalqa mill-ġdid. Biex jaħrat l-għalqa dejjem jistenna li tagħmel ħafna xita biex ikun aktar faċli li jaħdem il-ħamrija.*

*Jippreżenta dokument (fol. 148) li juri li f'Settembru 2019 għamlet ħafna xita bejn l-1 u l-10 ta' Settembru, 2019 u jsostni li allura huwa ħarat l-għalqa nhar il-15 ta' Settembru, 2019. Jagħlaq l-affidavit billi jsostni li r-rikorrent qed jagħmel minn kollox sabiex jipprova jkeċċi lilu mill-għalqa biex ikun jista' jiżviluppaha fi stalel.*

*Rat ir-ritratti u d-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess affidavit.*

*L-intimat jixhed in kontroeżami a fol. 186 et seq. tal-proċess. Dwar il-qbiela jgħid li qabel kien iħallasha lil Dun Alwiġ u issa qed jitfagħha l-Qorti. Dwar kemm iħallas qbiela jgħid li kienu jħallsu tmien liri Maltin (Lm 8) u niżlu sitt liri Maltin (Lm 6) minn meta beda jidħol jarmi ż-żibel u ġew sitta u baqgħu iħallsu sitt liri sal-lum. Jinsisti li Dun Alwiġ iż-żewġ liri (Lm 2) ħafirhomlu biex ikun jista' jidħol jarmi mhux biex iwessa' l-passaġġ. Jaqbel li ż-żewġ liri (Lm 2) baqgħu ma jitħallsux sal-lum. Jgħid li minn meta saret il-kawża il-passaġġ ma reġax sar għaliex qed jagħmluh qamħ. Jikkonferma li l-passaġġ hu ħartu u ġieli qabbad in-nies. Jgħid li fis-sena 2019 fil-15 ta' Settembru kienet għamlet ix-xita u ħarat l-għalqa. Jinsisti li l-ftehim dwar iż-żewġ liri (Lm 2) kien sar bejn missieru u Dun Alwiġ u li dan kien sabiex ikun jista' jidħol jarmi. Jinsisti li r-rikorrent u l-ħaddiema tiegħu ilhom ma jarmu fil-barriera ħamsa u tletin (35) sena.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Victor Bonavia*** *(fol. 96 et seq.) hu l-intimat u ta' wlied l-intimat* ***Mario Bonavia*** *(fol. 156) u* ***Joe Bonavia*** *(fol. 151) li tista' tgħid ilkoll jirrepetu u jikkonfermaw dak li xehed l-intimat fl-affidavit tiegħu. Rat ukoll l-affidavit ulterjuri ta' Victor Bonavia li jippreżenta dokumentazzjoni li turi li l-Green Skips Malta daħlu fis-sena 1992 sabiex juri ż-żmien li nbidlet il-liġi u kien sar illegali li jsir rimi fil-barrieri.*

*Victor Bonavia xehed in kontroeżami a fol. 194 tal-proċess. Jgħid li l-ftehim taż-żewġ liri (Lm 2) sar fis-sena 1981 u kien biss dment li jibqa' jidħol jarmi ż-żibel. Ikompli li minn dak iż-żmien 'l hawn, Dun Alwiġ li kien is-sid flok ir-rikorrent, kien ħallielhom dawk iż-żewġ liri Maltin (Lm 2) gratis. Jinsisti li ħuh kien baqa' jiddepożita l-Qorti sitt liri (Lm 6) għaliex Dun Alwiġ ħafirhomlhom. Jgħid li Dun Alwiġ ilu mejjet sitt snin. Jixhed li l-ftehim taż-żewġ liri (Lm 2) kien missieru li ġiegħel lil Dun Alwiġ jiktbu fil-ktieb tal-qbiela. Dwar li Dun Alwiġ ħafer iż-żewġ liri (Lm 2) lil missieru jixhed li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub. Jinsisti iżda li bil-kelma żgur li ħafirhomlu lil missieru għax jenfasizza li dawn ilhom ma jidħlu ħamsa u tletin sena (35) hemmhekk. A fol. 200 jixhed:*

> *«Għax missieri għamillhom pjaċir lil Joseph Camilleri. Għamillu pjaċir li jħallih jidħol minn sqaq tagħna, St. John Street, fih xi mitt metru bogħod, biex ikun jista' jidħol ġo din l-għalqa li qiegħda bi qbiela għand missieri kienet u issa qiegħda għand hija, Tal-Mitħna, li għandna l-kawża fuqha. Allura, ċedielu, dik it-tolleranza, biex iħallihom jgħaddu u jdejquna … minn sqaq tagħna …»,*

*u jikkonferma li ta' dan il-pjaċir il-qbiela naqset b'żewġ liri (Lm 2) u għadha mnaqqsa hekk sal-lum.*

*Mario Bonavia xehed in kontroeżami a fol. 208 et seq. tal-proċess. Jikkonferma li l-qbiela ġiet imnaqqsa minn tmien liri (Lm 8) għal sitt liri (Lm 6) u li missieru l-intimat għadu sal-lum iħallas sitt liri (Lm6). Jinsisti li ż-żewġ liri (Lm 2) kienu mnaqqsa skont il-kitba tal-qbiela tas-sena 1981 sakemm Ġużeppi Camilleri jibqa' jarmi fil-barriera. Mistoqsi x'jaf dwar it-tnaqqis fil-kera jgħid li kien ġia ilu jgħin lil nannuh għaxar snin f'dan ir-raba' meta bdew jidħlu t-trakkijiet jarmu fil-barriera u huma ma ħadux pjaċir. Iżid li meta staqsa lil nannuh dan qallu:*

> *«… bi ftehim ma' Dun Alwiġ. Għax ħabib tiegħi ħafna. Insomma, irranġaw, u spjegalna kollox. Li minn tmien liri naqqaslu żewġ liri fil-qbiela sakemm jidħol jarmi. Sa wara ċertu żmien, waqfu u ilhom iktar minn ħamsa u tletin sena ma jidħlu 'l hemmhekk issa.» (fol. 211)*

*Iben l-intimat Joe Bonavia xehed in kontroeżami a fol. 212 et seq. tal-proċess. Xehed li missieru jgħidlu li sal-lum għadu jħallas il-qbiela mnaqqsa ta' sitt Liri (Lm 6) billi jiddepożitahom il-Qorti.*

*Rat l-affidavit tal-***Perit Valerio Schembri** *a fol. 183 et seq. tal-proċess. Isostni li ilu jservi ta' Perit tal-intimati għal ħafna snin. Skontu l-isqaq li jwassal għall-passaġġ huwa prorpjetà tal-intimati mhux tar-rikorrent. Jgħid li kien hu li rrappreżenta lill-intimat u ħutu bħala 'objectors' fl-applikazzjoni ta' żvilupp tas-sit. Jinsisti li l-passaġġ fuq l-għalqa inkwistjoni mhux wieħed permanenti u jinħarat skont il-bżonn tal-ghalqa fis-sena partikolari. In kontroeżami jirriżulta li huwa xehed dwar dak li qalulu l-aħwa Bonavia. Iżid li darba mar fuq il-post u ra li l-passaġġ ma kienx hemm għaliex kien hemm il-qamħ miżrugħ.*

*Iżid li kieku l-passaġġ ma kienx ikun maħrut regolarment kien ikun diffiċli*

*li dan taqbad u taħartu għaliex jinġema' l-ġebel. Jixhed ukoll li diffiċli tistabbilixxi fejn kien il-passaġġ għaliex jiddependi minn fejn tgħaddi fuq il-ħamrija bit-trakk. Ikompli li f'uħud mir-ritratti mill-ajru l-passaġġ rah.*

***Bażi legali:***

*Illi l-elementi fil-kawża ta' spoll jirriżultaw mill-**Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili** li jaqra kif isegwi:*

> *«Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.»*

*Illi skont l-**Artikolu 535 tal-Kap. 16** l-azzjoni ta' spoll vjolenti għandha bħala elementi kostituttivi tagħha tliet fatturi: il-pussess **(possedisse),** l-att spoljattiv **(spoliatum fuisse)** u dan l-att sar fi żmien xahrejn qabel ma ġiet intavolata l-azzjoni **(infra bimestre deduxisse).***

*L-actio spolii hija radikata fuq l-esiġenza ta' utilità soċjali, intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat milli jieħu l-ġustizzja f'idejh, b'dan li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni għandha l-iskop li tassigura li jiġi ripristinat l-ordni soċjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tiġi qabelxejn reintegrata fil-pussess tagħha: Spoliatur ante omnia restituendum. L-artikolu tal-liġi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorità privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalih, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati.*

*Illi huwa magħruf ukoll li f'kawżi simili, l-indaġini tal-Qorti għandha tkun limitata sew…*

*Il-pussess li tirrikjedi l-liġi fl-ispoljat għall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto'…*

***Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:***

*Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li għalkemm il-kawża odjerna hija waħda ta' meru spoll, fil-fatt il-partijiet fl-atti ressqu provi li aktar huma f'posthom fil-kamp petitorju bejniethom u mhux fil-kawża odjerna. Il-Qorti ser tagħmel analiżi tal-provi mressqa quddiemha fil-limitazzjoni tal-ġurisdizzjoni tagħha fil-kawża odjerna għal dak li hu l-allegat spoll li skont ir-rikorrent jikkonsisti f'li ġie maħrut passaġġ fil-ħamrija li kien iservi sabiex hu jgħaddi bil-vannijiet sal-barriera proprjetà tiegħu.*

*Illi minn analiżi tal-provi suesposti l-Qorti tinnota li ċertament fil-każ odjern jippekka f'mill-anqas wieħed mir-rekwiżiti li trid il-liġi sabiex*

*tirnexxi kawża ta' spoll u dan huwa fil-pussess tal-passaġġ inkwistjoni favur ir-rikorrent. Mill-atti jirriżulta li l-passaġġ inkwistjoni, għalkemm verament kien użat mir-rikorrent, missieru u ħaddiema tagħhom sabiex jgħaddu bil-vannijiet jaslu sal-barriera biex jarmu, effettivament irriżulta li dan il-passaġġ ilu snin twal ma jintuża ghal dan l-iskop. Skont ix-xhieda tal-ħaddiema mressqa mir-rikorrent stess, ilu mill-anqas għaxar snin (10) ma jsir użu minnu, filwaqt li x-xhieda mressqa mill-intimat isostnu li dan l-użu ilu ma jsir madwar ħamsa u tletin (35) sena. Inoltre, ir-rikorrent stess sostna li l-aħħar li uża l-passaġġ kien sentejn qabel meta suppost bagħat ħaddiem iwassal tank fejn il-barriera. Il-bqija ma tressqet l-ebda prova oħra konvinċenti dwar l-użu ta' dan il-passaġġ mir-rikorrent fis-snin reċenti.*

*Illi in vista tas-suespost, il-Qorti tqis li fl-atti odjerni, għalkemm tressqu bosta provi, ma tressqux provi biżżejjed sabiex jevidenzjaw sal-grad rikjest mil-liġi, ċjoè dak tal-probabbli, li meta gie maħrut il-passaġġ inkwistjoni r-rikorrent kellu l-pussess jew almenu l-mera detenzjoni tal-istess passaġġ anzi rriżulta pjuttost bil-kontra u ċjoè li r-rikorrent kien ilu snin ma jagħmel użu minn dan il-passaġġ. Dan ma jfissirx li l-passaġġ ma kienx hemm anzi l-Qorti temmen li bhala passaġġ kien ikun hemm għaliex kien ikun l-istess intimat li jiffurmah staġonalment skont il-bżonn tal-għalqa u għalhekk dan jidher fuq bosta mir-ritratti mill-ajru.*

*Għaldaqstant in vista li l-element tal-possedisse ma ġiex sodisfatt, il-Qorti tqis li jkun pjuttost futili li tidħol fl-elementi l-oħra, għalkemm, tissottometti li dwar l-infra bimestre deduxisse mill-atti joħroġ ukoll dubju kbir dwar jekk il-kawża ġietx miftuħa entro t-terminu tax-xahrejn b'dana li probabbilment il-każ kien ser ifalli wkoll minn dak il-lat. In vista tas-suespost il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.*

*Din id-deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet petitorji bejn il-partijiet.»*

6. B'rikors tal-appell imressaq fil-11 ta' Jannar 2024, l-attur Salvatore Camillieri talab għat-tħassir ta' din is-sentenza billi ilmenta li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li huwa ma ssodisfax l-element tal-pussess fuq il-passaġġ inkwistjoni, li huwa meħtieġ biex il-kawża ta' spoll imressqa minnu tkun ta' suċċess.

7. Il-konvenut Joseph Bonavia wieġeb għall-appell tal-attur fl-14 ta' Frar, 2024 u hemm ta r-raġunijiet tiegħu għalfejn jemmen li dan l-appell

għandu jiġi miċħud. B'żieda ma' dan, huwa talab lil din il-Qorti tiddikjara l-appell tal-attur bħala wieħed fieragħ u vessatorju u b'hekk tħaddem fil-konfront tiegħu s-sanzjoni misjuba fl-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

8. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

9. Fl-aggravju waħdieni tiegħu l-attur jilmenta li l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni manifestament żbaljata meta sabet li huwa ma ssodisfax l-element tal-pussess biex tirnexxi l-kawża ta' spoll imressqa minnu. Huwa jfisser li bħala sid tal-għalqa u tal-barriera, huwa għandu l-pussess legali ta' dawn il-proprjetajiet. Min-naħa l-oħra, jgħid li l-pussess materjali tal-għalqa jinsab f'idejn il-konvenut għaliex din l-għalqa fil-preżent tinsab imqabbla lilu.

10. L-attur jisħaq madankollu, li huwa għandu d-detenzjoni tal-passaġġ li hemm fl-għalqa miżmuma mill-konvenut u li jagħti għall-barriera tiegħu. Dan minħabba li missier il-konvenut, Carmelo Bonavia, kien daħal fi

ftehim ma' Dun Alwiġ Camilleri, li jiġi l-awtur fit-titlu tal-attur, li permezz tiegħu Carmelo Bonavia aċċetta li jagħti l-jedd ta' passaġġ lill-missier l-attur minn fuq l-għalqa inkwistjoni, sabiex dan ikun jista' jarmi fil-barriera li tinsab biswit l-għalqa. Jissokta jfisser li bħala kumpens għal din il-konċessjoni, Dun Alwiġ Camilleri kien aċċetta li l-ħlas tal-qbiela kellu jonqos minn tmien Liri Maltin għal sitt Liri Maltin fis-sena.

11. L-attur isostni li dan l-arranġament għadu fis-seħħ sal-ġurnata tal-lum għaliex il-qbiela għadha titħallas bir-rata ta' sitt Liri Maltin fis-sena, skont dak il-ftehim. Jargumenta li ġaladarba l-qbiela għadha titħallas b'rata mnaqqsa kif kien ġie miftiehem, il-jedd ta' mogħdija mill-għalqa miżmuma mill-konvenut għadu fis-seħħ. Huwa jiċħad bil-ħrara dak li xehed ħu l-konvenut, Victor Bonavia, jiġifieri li Dun Alwiġ Camilleri kien ħafer lil missier il-konvenut żewġ Liri Maltin mill-ħlas tal-qbiela mingħajr ebda kundizzjoni u jisħaq li jedd kuntrattwali, bħalma hu dak inkwistjoni, ma jistax jintemm bin-nuqqas tal-eżerċizzju tiegħu.

12. Iżid jgħid li s-sempliċi fatt li jedd ma jiġix eżerċitat għal numru ta' snin ma jfissirx li b'daqshekk biss dak id-dritt ġie abbandunat jew rinunzjat għaliex ir-rinunzja jeħtiġilha tirriżulta minn att ċar u inekwivoku ta' rieda min-naħa tar-rinunzjant. L-attur ifisser li b'hekk, il-fatt waħdu li huwa m'għamilx użu mill-passaġġ għal numru ta' snin ma jammontax għal rinunzja min-naħa tiegħu ta' dan il-jedd ta' mogħdija. Dan għaliex, skont

l-attur, l-istess konvenut appellat baqa' jħallas il-qbiela, kif imnaqqsa, sal-ġurnata tal-lum b'tali mod li hu stess għaraf id-detenzjoni tal-passaġġ mill-attur. Jissokta jargumenta li l-passaġġ inkwistjoni baqa' jeżisti fiżikament sakemm inħarat mill-konvenut qabel infetħet il-kawża u b'hekk, sakemm dan il-passaġġ kien għadu jeżisti, huwa ma kellux għalfejn iwettaq xi att biex iħares id-drittijiet tiegħu jew jinkwieta li l-jedd tiegħu kien jinsab mhedded. Kemm hu hekk, hekk kif induna li l-passaġġ inħarat, u b'hekk ma setax jgħaddi minnu, huwa fetaħ mill-ewwel din il-kawża ta' spoll. Dan, fil-fehma tiegħu, huwa prova ċara li huwa qatt ma rrinunzja għall-pussess jew id-detenzjoni tal-passaġġ inkwistjoni.

13. Hekk li ġew miġbura l-argumenti mressqa mill-attur appellant, din il-Qorti titlaq billi tagħraf li skont ġurisprudenza miżmuma, il-pussess meħtieġ f'kawża ta' spoll huwa dak materjali, jew ta' fatt jew li jkun x'ikun. Fi kliem ieħor, min iressaq din l-azzjoni mhuwiex meħtieġ li jipprova li għandu dritt ta' proprjetà jew ta' servitù fuq il-ħaġa li minnha huwa ġie spoljat bi vjolenza jew bil-moħbi. Bil-maqlub, il-ħtieġa tal-pussess hija sodisfatta wkoll bis-sempliċi detenzjoni. Kemm hu hekk, il-pussess tal-attur m'għandux għalfejn ikun wieħed ekwivoku imma jeħtieġlu jkun biss fid-dieher. Madankollu, l-attur huwa fid-dmir li jressaq prova tajba tal-pussess li jgħid li għandu, anke jekk dan ikun vizzjuż, qasir ħafna, jew saħansitra momentarju (ara ***Beta Brushware Ltd v. Malta Development Corporation*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru, 2005,

***Anthony Lungaro et v. Patrick Caruana et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2011, ***Michael Zerafa et v. Francis Camilleri*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2013 u ***Rosaria Maria Mamo et v. Dael Theuma Whitelaw*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2023). Huwa għalhekk f'dan il-kuntest li din il-Qorti trid tgħarbel il-provi mressqa biex tiddetermina jekk l-attur seħħlux juri li huwa tassew kellu l-pussess tal-passaġġ inkwistjoni qabel dan inħarat mill-konvenut.

14. Fil-każ tagħna, l-attur isejjes l-ilment tiegħu fuq l-arranġament li ntlaħaq lura fis-sena 1981 bejn l-awtur tal-attur, Dun Alwiġ Camilleri, u missier il-konvenut, li dak iż-żmien kien jaħdem l-għalqa fejn hemm il-passaġġ inkwistjoni. Skont dan l-arranġament, missier l-attur, Ġużeppi Camilleri kellu jħallas Lm 2 mit-total ta' Lm 8 li kien dovut minn missier il-konvenut fi ħlas ta' qbiela, u dan sakemm huwa jitħalla jgħaddi mill-passaġġ inkwistjoni bil-għan li jkun jista' jarmi fil-barriera tiegħu. Ifisser b'hekk, li sakemm iħalli lil Ġużeppi Camilleri jagħmel użu minn dan il-passaġġ, missier il-konvenut kellu jħallas biss Lm 6 bħala qbiela u mhux Lm 8 għaliex id-differenza kellu jħallasha Ġużeppi Camilleri. Eventwalment, l-attur appellant sar is-sid ta' din l-għalqa filwaqt li l-qbiela għaddiet għand il-konvenut u b'hekk il-ħlas tal-qbiela kellu jibda jsir mill-konvenut direttament lill-attur.

15. Issa skont l-attur, l-arranġament kif hawn fuq imfisser għadu fis-

seħħ sal-lum il-ġurnata għaliex il-konvenut għadu sal-lum iħallas biss l-ekwivalenti ta' Lm 6 fi qbiela u mhux it-total kollu dovut ta' Lm 8. Isostni li ladarba l-ħlas tal-qbiela għadu jsir b'dan il-mod, il-konvenut għadu jagħraf il-jedd tal-attur li jagħmel użu minn dan il-passaġġ biex jidħol fil-barriera tiegħu.

16. Din il-Qorti, iżda, ma taqbilx. Il-kwistjoni dwar kemm il-konvenut ħallas qbiela f'dawn l-aħħar snin tista' forsi titfa' dawl fuq jekk il-konvenut żammx mal-patt lokatizju li kien hemm bejniethom iżda żgur ma ssarrafx fi prova li l-attur kellu l-pussess jew id-detenzjoni tal-passaġġ inkwistjoni. Anzi, il-Qorti jkollha tistqarr li hija tinsab x'aktarx mistagħġba kif l-attur jazzarda jistrieħ fuq dan l-argument dwar l-ammont ta' qbiela li tħallas mill-konvenut f'dawn l-aħħar snin, meta mill-atti jirriżulta li kien l-attur stess li ilu sa mis-sena 2012 ma jaċċetta l-ħlas tal-qbiela mingħand il-konvenut. Il-Qorti ma tistax tifhem kif fl-appell tiegħu l-attur baqa' jsostni li huwa għadu jirċievi qbiela b'rata mnaqqsa mingħand il-konvenut meta mill-atti jirriżulta bl-aktar mod ċar li huwa qiegħed jirrifjuta l-ħlas tal-qbiela. Imġiba din, li l-attur fl-ebda waqt tal-kawża ma ndenja jipprova jispjegaha.

17. F'kull każ, anki li kieku stess wieħed kellu jwarrab għall-ġenb il-fatt li l-attur mhux qiegħed jaċċetta l-ħlas tal-qbiela mingħand il-konvenut, il-ħlas mill-konvenut b'rata mnaqqsa mhijiex prova tajba biżżejjed biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-attur kellu l-pussess tal-passaġġ inkwistjoni qabel

dan inħarat mill-konvenut.

18. Minn dak li xehdu l-attur min-naħa l-waħda, u l-konvenut u ħuh, Mario Bonavia, min-naħa l-oħra, din il-Qorti temmen li l-konċessjoni mogħtija minn missier l-konvenut kienet biss waħda ta' mera tolleranza għaliex l-użu tal-passaġġ minn missier l-attur u minn l-attur stess warajh, ma kienx maħsub li jkun kontinwu iżda kien marbut ma' ċirkostanza u ħtieġa partikolari *viz.* li huma jidħlu jarmu fil-barriera. Għemil dan li waqaf isir madwar għaxar snin ilu, kif wara kollox ammetta bil-ħalfa tiegħu l-attur stess (ara paġna 171 tal-atti tal-kawża) u kif ukoll diversi xhieda li tressqu minnu matul is-smigħ tal-kawża, fosthom bintu Nichola Mallia (ara paġna 33I u 33J tal-atti tal-kawża), l-impjegat tiegħu, Mario Micallef (ara paġna 70 tal-atti tal-kawża) u l-ex-impjegat tiegħu, Raymond Grech (ara paġni 75 u 76 tal-atti tal-kawża).

19. Barra minn hekk, minkejja t-tnaqqis żgħir fil-ħlas tal-qbiela bħala rikonoxximent għal dan il-permess, huwa ċar f'għajnejn il-Qorti li din il-konċessjoni kienet ingħatat biss bi pjaċir, u għalhekk f'dan l-arranġament, jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk, kemm il-konvenut u kif ukoll missieru, kellhom f'kull waqt il-jedd u d-diskrezzjoni li jieqfu jagħtu aċċess lil Ġużeppi Camilleri u lill-ibnu, l-attur, għall-barriera tagħhom minn dan il-passaġġ. Jinżel b'hekk, li jekk l-attur jew missieru xi darba kellhom pussess tal-passaġġ li hemm fl-għalqa, dan kien wieħed temporanju u

prekarju sakemm huma jgħaddu mill-passaġġ biex jarmu fil-barriera u sakemm huma jingħataw il-barka biex jagħmlu dan mill-konvenut jew minn missieru.

20. Issa skont l-ġurist famuż **Ricci**, huma mwarrba mill-protezzjoni tal-*actio spolii*, atti ta' sempliċi tolleranza, jiġifieri dawk l-atti mnissla *«nei rapporti di buon vicinato in grazia dei quali si permetta o si tollera che altri faccia sulla cosa che ci appartiene ciò che non avrebbe diritto alcuno di farne»* (ara **Ricci**, ***Corso di Diritto Civile***, il-ħames volum, f'paġna 73). Fi kliem sempliċi fejn il-ħaġa tkun miżmuma bi pjaċir b'tali mod li ħaddieħor ikun jista' jirtira ż-żamma tagħha xħin irid, din titqies li tkun ingħatat b'sempliċi tolleranza (ara ***Grima Communications Company Ltd v. Mario Tufigno et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007). B'żieda ma' dan, jingħad ukoll li l-għemejjel ta' sempliċi tolleranza huma ta' xejra temporanja u sporadika u m'għandhomx kontinwità (ara ***Mario Cuschieri v. Anġlu Cilia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-12 ta' Jannar, 2005).

21. Fil-każ tagħna, kif rajna, l-użu tal-passaġġ inkwistjoni mill-attur u minn missieru qablu kien qiegħed isir biss b'mera tolleranza, u għalhekk dan l-użu ma jistax jissarraf fil-pussess meħtieġ biex l-attur iressaq l-azzjoni ta' spoll.

22. Iżda anke li kieku, għall-grazzja tal-argument biss, din il-Qorti kellha tqis li l-użu tal-passaġġ mill-attur u minn missieru qablu ma kienx wieħed ta' sempliċi tolleranza, din il-Qorti xorta waħda ma tistax tasal għall-konklużjoni li l-attur kellu l-pussess meħtieġ biex imexxi b'din il-kawża għaliex dan il-pussess intilef ferm qabel infetħet din il-kawża.

23. Huwa mgħallem fil-ġurisprudenza li l-pussess ma jintilifix biss bl-inerzja tal-possessur iżda bil-pussess ta' ħaddieħor jew bl-abbandun volontarju (ara ***Maryanne Attard et v. Francis Mercieca et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' April, 2012, ***Assunta Spiteri et v. Jeffrey Zammit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016 u ***Joseph Saliba et v. Joseph Cini et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023). Fil-każ tagħna, il-fatt li qabel infetħet il-kawża, l-attur u l-impjegati tiegħu għamlu madwar għaxar snin sħaħ ma jużawx il-passaġġ biex jidħlu jarmu fil-barriera, huwa indikattiv tal-intenzjoni tal-attur li jabbanduna l-pussess fuq il-passaġġ. Fl-istess waqt, matul dawn l-għaxar snin il-konvenut ħa għalkollox f'idejh il-pussess ta' dan il-passaġġ billi ħartu kemm-il darba u wżah skont il-bżonn tal-prodott agrikolu li kien iħawwel fl-għalqa miżmuma minnu. Jiġi b'hekk li f'dawk l-għaxar snin qabel infetħet il-kawża l-pussess tal-passaġġ ittieħed esklussivament mill-konvenut bl-esklużjoni tal-attur.

24. Tħares minn fejn tħares, huwa evidenti ferm li l-attur ma rnexxilux

jipprova b'mod sodisfaċenti li huwa kellu l-pussess tal-passaġġ inkwistjoni meta l-konvenut ħartu f'Settembru tal-2019 u b'hekk din il-Qorti ma tarax li hemm raġunijiet li jistgħu jwassluha biex titbiegħed mill-għarbiel tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti u l-konklużjoni li waslet għaliha.

25. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, l-appell tal-attur qiegħed jiġi miċħud. Madankollu, din il-Qorti mhijiex tara li f'dan il-każ partikolari jeżistu l-estremi biex l-attur jiġi ordnat iħallas spejjeż doppji skont l-**Artikolu 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għall-appell imressaq minnu, u b'hekk din is-sottomissjoni tal-konvenut qiegħda tiġi mwarrba.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-attur u tikkonferma għalkollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontrih.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
da